Il-Kunsill Malti għas-
SETTUR VOLONTARJU

# RAPPORT ANNWALI

2024

maltacvs.org

## Rapport Annwali 2024 - Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat

**Il-Kompożizzjoni tal-Kunsill**

Wara l-proċess tal-għażla tal-membri tal-bord tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju fl-2023, il-Kunsill 2023-2025 kien kompost minn u baqa' dan li ġej:

- Gertrude Buttigieg (Malta Health Network) - Chairperson
- Jorge Spiteri (Fondazzjoni Malta Żgħażagħ fl-Agrikoltura) – Deputy Chairperson
- Doreen Borg Zammit (Kunsill Nazzjonali tan-Nisa),
- Norma Camilleri (Assoċjazzjoni ta' Speech-Language Pathologists),
- Laura Cunningham (Malta Sports Journalists Association),
- Edward Gruppetta (Malta Red Cross Society),
- Paul Sultana (The Maltese Association of the Members of the Sovereign Military Hospitaller Order of St. John of Jerusalem, of Rhodes and of Malta),
- Leslie Bonnici (The Scout Association of Malta),
- Paul Mifsud (Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda), u
- Mark Micallef (Rappreżentant tal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur.)

**Il-Ħidma tal-Kunsill**

Is-Sitt Kunsill tal-MCVS iltaqa' ħdax-il (11) darba matul l-2024. Matul din is-sena kien hemm kontinwazzjoni tal-ħidma mwettqa mill-Kunsill fis-snin ta' qabel, li kkonsolida l-proġetti u l-inizjattivi mibdija. Dan kien jinkludi diversi programmi, skemi, servizzi u attivitajiet bħall-Premju Nazzjonali għall-Volontarjat.

**Servizzi mogħtija mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat**

Il-Kunsill kompla jaħdem fuq is-servizzi offruti lis-settur, jibni fuq, u jikkonsolida dawk mogħtija fis-snin ta' qabel. Il-Kunsill kompla jżomm aġġornati erba' 'web sites' ewlenin li jamministra li huma www.maltacvs.org, www.vofunding.org.mt, www.volunteers.mt u simplygiving.mt.

Is-sit www.maltacvs.org huwa s-sit ewlieni tal-Kunsill li jipprovdi l-aħħar informazzjoni kif ukoll servizzi oħra b'rabta mas-Settur tal-Volontarjat bħall-booking online taċ-Ċentri Volontarji.

It-tieni 'web portal' huwa www.volunteers.mt jappoġġja individwi u għaqdiet biex jirreġistraw għal diversi servizzi, fosthom is-servizz "Voluntiera Malta", li hija l-pjattaforma nazzjonali ewlenija ta' volontarjat għall-impenn ċiviku biex tikkontribwixxi lejn il-promozzjoni u l-appoġġ tal-volontarjat f'Malta.

It-tielet ‘web portal’ huwa www.vofunding.org.mt li huwa portal ta’ finanzjament one-stop-shop għal VOs li jiġbor flimkien il-fondi nazzjonali kollha mmirati għal Vos kif ukoll fondi oħra ġestiti minn operaturi ta’ fondi lokali, li jipprovdi informazzjoni, applikazzjonijiet online kif kif ukoll il-ġestjoni tad-dejta dwar proġetti ta’ finanzjament u l-benefiċjarji tagħhom. Fil-fatt, dan il-portal bħalissa qed jappoġġja sitt Ministeri/Entitajiet differenti u fuq għoxrin linja ta’ finanzjament differenti.

Ir-raba’ sit huwa dak www.simplygiving.mt li joffri lill-għaqdiet iċ-ċans li jagħmlu ġabriet ta’ fondi online mill-pubbliku, b’sistema sempliċi ta’ crowdfunding li tgħinhom finanzjarjament u tissimplifikalhom l-operat b’backend ċentrali mħaddem mill-Kunsill.

## Taħriġ u attivitajiet għall-għaqdiet

Apparti dan, fl-2024 l-MCVS offra wkoll numru ta’ servizzi u taħriġ għall-għaqdiet, inkluż serje ta’ taħriġ relatati ma’ Capacity Building sabiex jgħinu lill-għaqdiet volontarji fl-amministrazzjoni u ġestjoni tagħhom, u anki numri ta’ attivitajiet imsejħa Speed Networking fejn għaqdiet kellhom l-opportunità jiltaqgħu għall-ewwel darba ma’ għaqdiet oħrajn. Dan jgħin sabiex jinbet l-ispirtu ta’ kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet, kemm informali u anki permezz ta’ kooperazzjoni fi proġetti u għajnuna lil xulxin.

## L-MCVS tingħata l-Quality Label Award tas-Servizz Pubbliku

L-MCVS f’Ġunju 2024 ingħatat il-Quality Label Award tas-Servizz Pubbliku waqt iċ-ċerimonja tal-Awards tas-Servizz Pubbliku 2024, organizzata mill-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Prinċipali fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

F'kumment, is-CEO tal-MCVS Mauro Pace Parascandalo stqarr li "Ninsab kburi li bħala tim, l-MCVS ingħatat ir-rikonoxximent għal servizz ta' kwalità. L-għan aħħari tagħna huwa dejjem li naħdmu sabiex il-klijenti tagħna, organizzazzjonijiet volontarji u voluntiera individwali, ikunu appoġġjati b'servizz ta' kwalità fix-xogħol tagħhom fil-komunità. Grazzi mill-qalb lit-tim kollu."

## Konferenza Nazzjonali dwar il-volontarjat: ‘Nagħtu Vuċi u Viżibilità lis-Settur’

Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju organizza l-Konferenza Nazzjonali Annwali tiegħu dwar il-Volontarjat bit-titlu ‘Nagħtu Vuċi u Viżibilità lis-Settur’ nhar is-Sibt 4 ta’ Mejju 2024.

Il-konferenza kellha attendenza tajba ħafna u bdiet b’diskorsi ta’ merħba mis-Sur Mauro Pace Parascandalo, CEO tal-MCVS, u s-Sinjura Gertrude Buttigieg, Chairperson tal-MCVS. Warajhom saru żewġ diskorsi ewlenin, wieħed mill-Prof. Maura Pozzi bit-titlu “The ‘Social Added Value’ (SAV) of non-profit organisations (NPOs). Definition, Measurement and Perception” u t-tieni wieħed mill-Prof. Suzanne Gatt dwar ir-“Riċerka dwar id-Diskriminazzjoni fis-Settur Volontarju f’Malta” parti mill-MCVS VERA Sub-grant 2023.

Wara dan, il-parteċipanti kollha ngħaqdu mal-workshops magħżula minnhom biex jiddiskutu diversi suġġetti, inkluż is-‘Social Added Value’ (SAV), l-appoġġ lis-settur u d-direzzjoni strateġika għall-futur tas-settur. L-aħħar parti tal-konferenza bdiet b’diskussjoni minn panel b’interventi mill-udjenza, bil-parteċipazzjoni tal-Prof. Maura Pozzi, il-Prof. Suzanne Gatt u s-Sinjura Gertrude Buttigieg u mmexxija mis-Sur Edward Gruppetta. Il-konferenza mbagħad waslet għall-konklużjoni tagħha b’diskors mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji s-Sur Jesmond Saliba u mill-Ministru għall-Inklużjoni u s-Settur Volontarju, l-Onor. Julia Farrugia Portelli.

**Ċentri tal-Volontarjat f'Malta u Għawdex**

Bħala parti mill-impenn li jingħata appoġġ u spazju lill-għaqdiet volontarji f'Malta u Għawdex, il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat kompla bis-servizzi tiegħu permezz ta' dawn iċ-ċentri li joffru kemm support kif ukoll spazju għall-għaqdiet volontarji. Fil-fatt iċ-Ċentri tal-Volontarjat iservu primarjament biex irawwmu u jiżviluppaw il-volontarjat fil-komunità kif ukoll jappoġġaw organizzazzjoni volontarja ta' daqs żgħir u medju fl-operat tagħhom.

**Inawgurat ċentru tal-volontarjat f'Għawdex wara rinnovazzjoni estensiva tal-binja**

F'Marzu 2024, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar Clint Camilleri flimkien mal-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat Julia Farrugia Portelli inawguraw il-proġett taċ-Ċentru tal-Volontarjat fix-Xewkija Għawdex. Dan wara investiment ta' aktar minn €40,000 mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar li ħa ħsieb ix-xogħlijiet estensivi ta' mmodernizzar li saru f'din il-binja. Dan iċ-Ċentru tal-Volontarjat ser iservi ta' one-stop-shop fejn l-għaqdiet volontarji Għawdxin ikunu moqdija b'faċilitajiet u riżorsi aġġornati. Iċ-ċentru jista' jintuża 24 siegħa kuljum b'sistema ta' kalendarju u aċċess online li permezz tagħhom l-għaqdiet volontarji jistgħu jibbukkjaw l-użu tal-binja b'mod mill-aktar faċli. Fost l-oħrajn iċ-Ċentru huwa mgħammar b'faċilitajiet moderni li jinkludu conference room u ġnien għall-użu tal-għaqdiet.

Dan l-uffiċċju mhux biss ser iservi bħala binja għall-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, iżda ser jilqa' fih l-operat tas-Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) filwaqt li jintuża wkoll mill-għaqdiet irreġistrati bħala VOs fejn jistgħu jużaw dan l-ispazju biex jiltaqgħu u jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom. Iċ-ċentru se jservi wkoll ta' one-stop-shop ta' għajnuna u appoġġ lill-voluntiera u għaqdiet volontarji Għawdxin.

Dan se jikkumplimenta t-tliet ċentri li diġà jaħdmu b'dan il-mod f'Malta, li jinsabu fil-Belt, ir-Rabat u Birkirkara. Iċ-ċentru tax-Xewkija ġie rinnovat mill-ħaddiema tad-Diviżjoni tal-Operat fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

Preżenti għal din l-inawgurazzjoni kien hemm il-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat Mauro Pace Parascandolo u d-Direttur tad-Diviżjoni tal-Operat fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar Joyce Farrugia.

**Open Day fiċ-Ċentru għall-Volontarjat f'Għawdex**

Is-Sibt 20 ta' April 2024 l-MCVS organizzat Open Day fiċ-Ċentru għall-Volontarjat ta' Għawdex fix-Xewkija li kien għadu kif ġie mniedi mill-ġdid. Din kienet opportunità ideali, partikolarment għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (VOs) u l-VOs prospettivi f'Għawdex, biex iżuru l-bini, jitgħallmu dwar is-servizzi u skemi għall-VOs u jiddiskutu kwalunkwe suġġett relatat.

Matul dan il-jum, l-uffiċjali tal-MCVS mexxew ukoll laqgħat individwali biex jagħtu informazzjoni u jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-iskemi u s-servizzi tal-MCVS. Rappreżentanti tas-Servizzi Ewropej ta' Malta (SEM) u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (OCVO) kienu wkoll disponibbli matul l-attività.

## Jibdew ix-xogħlijiet fuq il-ħames Ċentru għall-Volontarjat f'Paola

F'Ottubru 2024 bdew ix-xogħlijiet f'dak li ser ikun il-ħames Ċentru tal-Volontarjat tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS). Wara l-Belt Valletta, ir-Rabat, Birkirkara u x-Xewkija f'Għawdex, dan ta' Paola huwa intiż biex iservi lill-għaqdiet tan-Nofsinhar ta' Malta. B'dan l-investiment, l-għaqdiet volontarji rreġistrati bħala VOs se jkunu jistgħu jinqdew b'faċilitajiet u riżorsi, u jużaw dan l-ispazju biex jiltaqgħu u jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom.

Tħabbar ukoll li dan iċ-ċentru ser jingħata l-isem Ċentru għall-Volontarjat Jake Vella. B'hekk il-memorja ta' Jake tibqa' mfakkra fost il-voluntiera kollha li tul is-snin li ġejjin ser ikollhom l-opportunità li jaħdmu minn dan iċ-ċentru. B'mod volontarju u minkejja t-tbatijiet li kien għaddej minnhom, Jake ħoloq inizjattivi sabiex jinġabru fondi għall-annimali abbandunati.

## Skemi ta' Finanzjament

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat qassam madwar €1 miljun f'fondi lill-għaqdiet volontarji biex matul din is-sena jimplimentaw 87 proġett ġdid li se jagħmlu differenza fil-komunità. Dawn il-fondi huma parti mill-iskemi tal-Voluntary Organisations Project Scheme (VOPS) u l-iSmall Initiatives Scheme (SIS).

Il-proġetti magħżula jvarjaw minn dawk ta' inklużjoni permezz tal-mużika u l-arti, proġetti sportivi inkluż għal tfal b'diżabilità, proġetti infrastrutturali fil-binjiet tal-għaqdiet, riċerki u varjetà kbira ta' proġetti oħra, inkluż dawk relatati mal-kultura, ambjent u edukazzjoni.

Permezz ta' dawn iż-żewġ skemi, sa mit-twaqqif tagħhom, ġew implimentati 'l fuq minn 700 proġett bil-fondi jammontaw għal  €7.8 miljun.

Waqt iċ-ċerimonja annwali la saret fi Frar 2024, l-għotjiet lill-għaqdiet volontarji ġew ippreżentati mill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat Julia Farrugia Portelli, miċ-Chairperson tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) Gertude Buttigieg u mill-Kap Eżekuttiv tal-MCVS Mauro Pace Parascandalo, fil-preżenza tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat Nancy Caruana u l-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji Jesmond Saliba.

Il-Fond tas-Soċjetà Ċivili (CSF) kien fond ieħor immexxi mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat li huwa impenjat li jipprovdi inċentivi finanzjarji biex jappoġġja l-involviment tas-CSOs f'attivitajiet ma' organizzazzjonijiet oħra mhux biss fuq livell lokali iżda wkoll fuq livell Ewropew bil-għan. li jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki, għarfien, u informazzjoni fost organizzazzjonijiet fuq livell lokali u internazzjonali. Is-CSF jappoġġa VOs b'baġit totali ta' madwar €150,000.

L-Iskema Volontarja taż-Żgħażagħ (YVS) hija inizjattiva oħra maħsuba biex tgħin liż-żgħażagħ itejbu l-ħiliet tagħhom u l-prospetti ta' impjieg billi tagħtihom l-opportunità li jibdew il-volontarjat bħala parti mill-proċess ta' tagħlim mhux formali u informali tagħhom filwaqt li tappoġġja lill-Organizzazzjonijiet Volontarji biex jattiraw liż-żgħażagħ lejn volontarjat. Din l-iskema tappoġġa wkoll liż-żgħażagħ biex jesperjenzaw il-volontarjat barra l-pajjiż, iżidu l-ħiliet taż-żgħażagħ permezz tal-esperjenza prattika tal-volontarjat barra l-pajjiż, it-tagħlim ta' lingwi oħra, l-iżvilupp tal-kapaċità li jinteraġixxu ma' persuni ta' lingwa u kultura differenti u t-tixrid tat-tolleranza fost iż-żgħażagħ.

Hemm ukoll skemi oħra, bħall-Youth Volunteer Engage Scheme u t-Training Initiative Scheme, intiżi sabiex ikomplu jagħtu għajnuna kemm lill-għaqdiet u anki sabiex joffru opportunitajiet ta' tagħlim u esperjenza fis-settur.

**Konsultazzjoni pubblika għar-riforma tas-settur tal-volontarjat**

Fi Frar 2024 tnedew għall-konsultazzjoni pubblika proposti għal riformi fis-settur volontarju, bl-abbozz imħejji fuq suġġerimenti għal tibdil leġislattiv. Waqt preżentazzjoni fis-sala tal-MCVS, il-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji, Jesmond Salba, qal li l-proposti ppreżentati huma bbażati fuq studju, analiżi, riċerka u diskussjonijiet mal-għaqdiet u għadd ta' stakeholders oħrajn. Dan bil-għan li jirriforma s-settur u jiżgura li jilħaq il-ħtiġijiet preżenti u futuri tal-volontarjat f'Malta.

Tema prevalenti hija li filwaqt li x-xogħol fis-settur tal-volontarjat huwa esperjenza ta' sodisfazzjon, kien innutat li hemm bżonn li l-organizzazzjonijiet volontarji jkunu differenzjati skont id-daqs, qligħ u profitti, u l-iskop tagħhom, f'termini tar-rekwiżiti mqiegħda fuq l-organizzazzjoni.

**Jitnieda kors universitarju ġdid fl-istudju tas-settur volontarju**

F'Lulju 2024, l-Università ta' Malta u l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) iffirmaw ftehim li permezz tiegħu tnieda għall-ewwel darba kors ġdid "Undergraduate Certificate Course in Volunteering Studies". It-tnedija ta' dan il-kors edukattiv saret mill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat Julia Farrugia Portelli u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Clifton Grima, fil-preżenza taċ-Chairperson tal-MCVS Gertrude Buttigieg, il-Kap Eżekuttiv tal-MCVS Mauro Pace Parascandalo u r-Rettur tal-Università ta' Malta, Prof. Alfred J. Vella.

Dan il-kors, li sar b'investiment ta' €12,000 mill-MCVS, huwa fil-livell 5 tal-MQF u kien parti mill-korsijiet offruti mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà. It-tul tal-kors huwa ta' sena part-time bħala studju ta' filgħaxija (evening studies), bl-ewwel sessjonijiet ta' dan il-kors se f'Ottubru 2024. Dan il-kors huwa ideali għal min jamministra għaqda volontarja jew huwa impjegat f'għaqda volontarja, speċjalment jekk imexxi persuni li jagħmlu xogħol volontarju. Huwa wkoll immirat għal kull min jagħmel xogħol volontarju jew jixtieq jidħol aktar fix-xogħol tas-settur. Dan il-kors jagħti ħarsa ġenerali lejn il-prattika tal-volontarjat, billi jagħti l-għarfien, il-ħiliet u l-valuri meħtieġa għal impatt aktar effettiv fil-qasam. Ġew esplorati wkoll suġġetti bħar-rekwiżiti tal-organizzazzjonijiet volontarji, l-aħjar prattiċi ta' tmexxija, fost temi oħra.

**Żjara mill-Kunsill lill-President tar-Repubblika**

F'Awwissu 2024 il-President tar-Repubblika l-E.T. Myriam Spiteri Debono rċeviet żjara ta' korteżija mingħand il-membri tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju. Matul il-laqgħa, il-membri tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju spjegaw l-għanijiet tal-kunsill, li jirrappreżenta organizzazzjonijiet volontarji f'Malta u Għawdex, li jiffaċilita l-ħidma tal-organizzazzjonijiet volontarji permezz ta' assistenza amministrattiva, opportunitajiet għal finanzjament u attivitajiet u avvenimenti ta' bini ta' kapaċità.

**Żjara Uffiċjali tal-MCVS fl-Eġittu**

F'Marzu 2024, is-Sur Mauro Pace Parascandalo, CEO tal-MCVS, akkumpanja lill-Ministru Julia Farrugia Portelli, Ministru għall-Inklużjoni u s-Settur Volontarju, f'żjara uffiċjali fl-Eġittu. Matul din iż-żjara, il-Ministru Farrugia Portelli ffirmat ftehim mal-kontroparti Eġizzjana tagħha li se jsaħħaħ l-appoġġ għal persuni b'diżabilità, joffri opportunitajiet liż-żgħażagħ għal skambji u esperjenzi fil-volontarjat fiż-żewġ pajjiżi, u kif ukoll tinbeda kollaborazzjoni fis-settur volontarju.

F'laqgħat bilaterali bejn il-Ministru Eġizzjan Nivine Riad El-Kabbag u l-Ministru Farrugia Portelli, ġew diskussi r-riformi li għamel pajjiżna fir-rigward tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u r-riformi ċivili.

Matul iż-żjara, id-delegazzjoni Maltija żaret il-kwartieri ġenerali u ċ-ċentru operattiv tal-Eġizzjan Red Crescent, li bħalissa qed jaħdmu fuq għajnuna umanitarja f'Gaża. Wara d-delegazzjoni żaret ukoll l-organizzazzjoni volontarja 'Life Makers' li hija l-akbar organizzazzjoni fl-Eġittu li tappoġġja diversi oqsma fil-komunità madwar l-Eġittu. Is-Sur Pace Parascandalo ddiskuta maż-żewġ Organizzazzjonijiet Volontarji modi possibbli ta' kollaborazzjoni.

**<u>Organizzata ġurnata inklussiva għall-familja kollha fil-Park ta' San Klement, Ħaż-Żabbar</u>**

L-MCVS organizza wkoll l-attività Together We Shine – Family Fun Fest, avveniment ta' ġurnata għall-familja kollha li ttella' nhar il-Ħadd 20 t'Ottubru bejn l-10am u l-4pm fil-park tal-familja San Klement, Ħaż-Żabbar.

Din l-attività kienet parti minn għotja permezz tas-Centre for European Volunteering (CEV) bħala parti mill-proġett Volunteering Equality Rights Action (VERA) 2024. Grazzi kbira wkoll lil Project Green tal-għajnuna pprovduta sabiex tittella' l-attività fil-park San Klement.

Kien hemm diversi attivitajiet, fosthom numru ta' għaqdiet volontarji li esebixxew u biegħu diversi prodotti differenti, flimkien ma' divertiment għat-tfal u attivitajiet interattivi għall-pubbliku li attenda. Fost dawn kien hemm logħob tal-futbol minn Frame Football Malta, treasure hunt minn Embrace Diversity Organisation, first aid għat-tfal minn Badel Powell Scouts Malta, prestazzjoni mużikali minn VOCA u l-Malta Society for the Deaf, u ħafna aktar.

Din l-attività kellha l-għan prinċipali li tippromwovi l-inklużjoni u tiffaċilita opportunitajiet ta' volontarjat inklussivi għal persuni b'diżabilità. Għaldaqstant, aspett importanti kien li l-għaqdiet parteċipanti kienu mgħejjuna minn voluntiera b'diżabilità matul l-attività, fejn dawn anki kienu preparati minn qabel permezz ta' taħriġ u tħejjija għal dan l-avveniment. Dan sar b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Sapport u għaqdiet oħra li huma esperti f'dan is-settur.

**<u>Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin rebbieħa tal-Konkors ta' Vidjows dwar il-Volontarjat</u>**

L-MCVS fis-sajf 2023 organizzat konkors li fih voluntiera ġew imħeġġa jibgħatu videos li jiċċelebraw il-volontarjat. Huma ġew imħeġġa jiffilmjaw lilhom infushom jitkellmu dwar l-esperjenza tagħhom, x'tgħallmu u kif ibbenefikat lis-soċjetà bix-xogħol tagħhom.

L-organizzazzjoni volontarja Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin ġew iddikjarati rebbieħa tal-MCVS Video Contest li ċċelebra l-volontarjat u l-benefiċċji tagħhom għas-soċjetà. L-MCVS, flimkien mal-Ministru għall-Inklużjoni u s-Settur tal-Volontarjat Julia Farrugia Portelli, żaru l-bini tagħhom f'April 2024 fil-Munxar, Għawdex, biex jagħtu l-premju u jiddiskutu l-ħidma tagħhom. Il-fondi mogħtija ġew utilizzati bħala parti mit-tiġdid taċ-ċentru tagħhom fil-Munxar, fejn jiltaqgħu u jmexxu l-ħidma tagħhom b'mod regolari.

**Pubblikazzjonijiet**

Matul l-2024 l-MCVS ippublikat tnejn u ħamsin (52) MCVS News Alert, pubblikazzjoni li toħorġ u tintbagħat kull nhar ta' Erbgħa b'ħala *mass mail email* b'informazzjoni, inizjattivi, fondi u taħriġ tal-MCVS għas-settur. B'dan il-mod l-informazzjoni tal-Kunsill ma tintilifx mal-bosta messaġġi oħra u tmur direttament għand l-għaqdiet, voluntiera u kull min hu interessat fis-settur. Il-pubblikazzjonijiet jinstabu wkoll fuq il-'website' tal-Kunsill fil-link: https://maltacvs.org/mcvs-newsletter-2/ fejn wieħed jista' wkoll jirreġistra sabiex jibda jirċievi l-pubblikazzjonijiet li jmiss.

**Parteċipazzjoni f'diversi attivitajiet u avvenimenti matul is-sena**

Fl-2024 l-MCVS kompla jipparteċipa bi ħġaru b'diversi attivitajiet sabiex jippromwovi l-volontarjat u s-servizzi offruti mill-Kunsill. Dawn inkludew l-EXPO tas-Servizz Pubbliku f'Mejju 2024, il-Malta Trade Fair f'Ġunju u Lulju, il-Freshers' Weeks tal-Università u MCAST f'Ottubru, u n-Natalis Notabilis f'Diċembru. Apparti staff mill-MCVS kull fejn kien possibbli, l-għan kien ukoll li l-għaqdiet jingħataw spazju huma wkoll sabiex jippromwovu x-xogħol u s-servizzi tagħhom.

**Opportunitajiet ġodda fis-settur volontarju għall-istudenti tal-MCAST**

F'Mejju 2024, il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) u l-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) iffirmaw Memorandum of Understanding sabiex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet.

Din il-koperazzjoni, li ilha għal numru ta' snin, issa se tiġi fformalizzata għall-ewwel darba u nkludiet programm li bih, studenti tal-kulleġġ jistgħu jiksbu esperjenzi ta' volontarjat u jkollhom aktar informazzjoni dwar is-settur u dwar l-għaqdiet differenti. Permezz tal-ftehim żdiedet ukoll il-promozzjoni tas-settur maż-żgħażagħ u l-opportunitajiet li hemm għall-istudenti. Apparti dan inħoloq ukoll koperazzjoni fuq programmi ta' taħriġ, informazzjoni u riżorsi għal min ikun jixtieq jagħti sehmu fil-volontarjat. Il-ftehim ippermetta wkoll lill-MCVS biex għall-ewwel darba jkollu preżenza fiżika fissa f'post ċentrali fil-kampus tal-MCAST f'Raħal Ġdid, permezz ta' Volunteer Hub, li minnha tingħata l-informazzjoni dwar is-settur, kemm bħala servizzi għal min jixtieq jagħti sehmu bħala voluntier u anki għall-għaqdiet volontarji.

Dan tħabbar mill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat Julia Farrugia Portelli u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Clifton Grima, fil-preżenza taċ-Chairperson tal-MCVS Gertrude Buttigieg, il-Kap Eżekuttiv tal-MCVS Mauro Pace Parascandalo u l-Prinċipal u Kap Eżekuttiv tal-MCAST, Prof. Joachim James Calleja.

**Premjijiet Nazzjonali tal-Voluntiera 2024**

F'Settembru 2024 il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat ħabbar it-tnedija tal-Premju Nazzjonali għall-Volontarjat. L-għan ta' din l-inizjattiva hi li tagħti rikonoxximent lil persuni u għaqdiet li jiddistingwu ruħhom fis-settur, fejn bil-kontribuzzjonijiet tagħhom jagħmlu soċjetà aħjar.

Il-premju, li ilu jsir mill-2011, huwa taħt il-patroċinju tal-E.T. il-President ta' Malta Myriam Spiteri Debono, għandu l-għan li jirrikonoxxi l-ħidma ta' nies li qed jagħtu kontribut pożittiv lis-soċjetà u li huma ta' ispirazzjoni għall-oħrajn.

Din is-sena kien hemm sitt premjijiet li huma l-Premju Nazzjonali għall-Volontarjat; Premju Żgħażagħ Voluntiera; Premju għall-Organizzazzjoni Volontarja; Premju għall-Kumpanija li tassisti Organizzazzjonijiet Volontarji; u premju ġdid sponsorjat mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, il-premju Victor Calvagna għat-Tfal fil-Volontarjat. Magħhom żdied ukoll premju ġdid, li huwa l-Premju Nazzjonali Speċjali Proġett tas-Sena fis-Settur Volontarju.

Ir-rebbieħa ta' dan il-premju tħabbru f'serata apposta fil-5 ta' Diċembru 2024, il-Jum dedikat għall-Volontarjat mill-Ġnus Magħquda.

Ir-rebbieħa kienu:
– Premju Nazzjonali Voluntier tas-Sena 2024: **Tony Sammut** – Id-Dar tal-Providenza
– Premju Nazzjonali Għaqda Volontarja tas-Sena 2024: **Equal Partners Foundation**
– Premju Voluntier Żagħżugħ/a 2024: **Dylan Farrugia** – Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija
– Victor Calvagna Children Volunteer Award 2024: **Victoria Fenech Azzopardi** – The Malta Rabbit Club
– Premju Nazzjonali Speċjali għall-Ħidma Volontarja 2024: **Monsinjur Victor Grech**
– Premju Nazzjonali Speċjali Proġett tas-Sena fis-Settur Volontarju 2024: Fondazzjoni RISe bil-proġett VOPS "**Preparation for Female Inmates' Rehabilitation and Reintegration Programme in Malta**"

**Mauro Pace Parascandalo**
**CEO**
**MCVS**